MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 996/2005

**Falcon Wines & Spirits Limited (C3774)**
**Vs**
**Kartal Samil Kurtdogan (ID 421198M) u b'digriet tad-29 ta' Mejju, 2006, il-kunjom tal-konvenut gie jinqara Turkdogan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta Mejju 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta mitejn u hmistax il-lira tlieta u sittin centezmu (Lm215.63) rapprezentanti prezz ta merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut kif jirrizulta minn Dok I.
Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta Awissu 2001 u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 1 ta Dicembru 2005 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress in sostanza huwa

qed jallega l-pagament da parti tieghu “in cash” fil-mument tad-delivery.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Illi f’dan il-kaz id-divergenza bejn iz-zewg nahat jinsab fil-fatt jekk il-konvenut kienx qed jiehu x-xoghol on credit or on cash basis u kwindi sabiex jigi stabbilit jekk meta rcieva l-konsenja in kwistjoni (liema fattur ma hux kontestat) kienx hallas lid-delivery man o meno. Illi tenut kont ta dawn il-fatti u cioe li l-konsenja ma hix qed tigi konstata u li l-konvenut qed jeccepixxi l-pagament, l-oneru tal-prova dwar tali pagament jinkombi fuq l-istess konvenut.

Illi skond id-dokumenti 2 u 3 esebiti mis-socjeta attrici a fol 18 u 19 tal-process, jirrizulta li z-zewg konsenji kienu twasslu ghand il-konvenut u li gew accettati on credit terms stante li l-kelma cash giet ingassata barra. Illi Dok 4 a fol 26 tal-process huwa ndikattiv li fiz-zmien in kwistjoni il-konvenut kien ghamel kuntratt mas-socjeta attrici fejn seta jiehu x-xoghol on credit terms. Anthony Azzopardi kkonferma bil-gurament tieghu li fuq l-invoices originali esebiti bhala Dok 5 u 6, kien hu li ngassa l-kliem “cash” u kiteb il-kelma “credit” u dana peress li meta ghamel dawn id-deliveries ma kienx thallas tax-xoghol. Jinnega li kien jiehu x-xoghol lura mieghu f’kaz li ma jircevix hlas mal-konsenja.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jikkonferma l-firma tieghu fuq Dok 4 u kwindi li hu kien on credit terms ghall-ewwel sentejn pero ighid li ma kienx hu li ffirma Dok 5 u Dok 6 ghalkemm jammetti li d-deliveries in kwistjoni kienu wasslulu. Huwa jallega li wara certu zmien l-arrangament mal-atturi kien inqaleb on a cash basis u jghid li d-delivery man kien jiehu mieghu x-xoghol lura meta ma jhalsuhx. In kontro-ezami jghid li kienet l-istess attrici li minn jeddha

ddecidiet li taqleb ghal “cash terms”. Il-konvenut gharaf il-firma fuq Dok 6 bhala dik ta persuna li kienet tahdem mieghu u jallega li kien staqsieh jekk hallasx ta dik il-konsenja u qallu li thalset. Illi dan mhux il-mod kif iggib l-aqwa prova fuq dan il-fatt. Jekk tassew kien sar dan il-hlas, il-konvenut messu tella lill-imsemmija persuna li rceviet ghan-nom tieghu il-merkanzija u li din thallset minnu. Mhux talli naqas li jtella dan ix-xhud pero naqas li jispjegalna wkoll kif u minn fejn din il-persuna allegatament halset ghal din il-merkanzija meta huwa ma kienx fuq il-post fisikament. Naqas il-konvenut per ezempju li jispjega x’arrangament u x’istruzzjonijiet kellu ma l-impjegati tieghu dwar accettazzjoni u hlas ta merkanzija meta huwa ma jkunx prezenti u min kien awtorizzat minnu ghal dan il-ghan. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma wasalx biex jissoddisfah fuq il-prova dwar l-allegat pagament taz-zewg invoices rigwardanti xoghol li gie konsenjat lilu f’zewg okkazzjonijiet.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut kwindi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma minnha rikjesta ta mitejn u hmistax il-lira tlieta u sittin centezmu (Lm215.63) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta Awissu 2001 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------